# San Ġużepp fil-KonKattidral Ta' Malta

**Lorenzo Zahra**

Tajjeb wieħed ikun jaf li ġewwa l-Knisja Konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann il-qima lejn il-Maħbub Għarus tal-Verġni Mqaddsa Marija qatt ma naqset. Meta l-Kavallieri fl-1530 kellhom l-ewwel Knisja Konventwali tagħhom fil-Birgu, dik ta' San Lawrenz L.M., hemm kellhom il-kappella ddedikata lil San Ġużepp.

Meta bnew il-famuż tempju ta' San Ġwann fil-Belt il-ġdida, ħasbu li hemm ukoll issir kappella apposta. Il-Prijur ta' l-Ordni kellu l-mod kif jiċċelebra l-festa f'ġieħ San Ġużepp billi dawn kienu jsiru skont ir-rit *Ordinis Natalis Sancte Joseph.*

Fi żmien il-Gran Mastru Cottoner il-festa kienet issir diġa fit-18 ta' Marzu b'pontifikal solenni8 u b'żewġ Għosrien. Kienet issir ukoll purċissjoni u jsir it-tiżjin tal-kappella magħrufa bħala tat-Tre Re fejn jinsab il-kwardu ta' Erardi bix-xena tal-wasla tat-Tlett Slaten jaduraw lil Ġesù Bambin fi ħdan Marija akkumpanjata minn San Ġużepp. Il-Knisja kienet tiġi mżejna u fil-Maġġur jitqiegħdu l-gandlieri tal-fidda tal-Prima u erbgħa fis-sekonda. Il-Quddiesa solenni kienet tkun bil-mużika.

Il-Kavallier Fra G. Pereira Pinto li jinstab midfun fl-istess knisja taħt lapida mill-isbaħ kien ta relikwa li fil-jiem tal-festi kienet tkun esposta waqt it-Terza mill-Prijur liebes il-mitra u l-baklu u kienet issir purċissjoni mill-Maġġur, iddur mal-Knisja kollha sa ma tasal fil-Kappella tat-Tre Re.

Qabel il-festa kienu jsiru erbgħat ijiem ta' preparazzjoni bl-espożizzjoni li kienu jsiru fl-Oratorju. Kien hemm kongregazzjoni ta' San Ġużepp u kellha diversi mseħbin. Ir-relikwa kienet tinżamm f'niċċa għaliha fir-relikwarju li kien hemm fis-sagristija. Kien armarju li kien jiksi l-ħitan b'ħafna niċeċ u f'kull niċċa kienet tinżamm xi relikwa. Kienet imsejħa il-kappella tar-relikwi. Sfortunatament, fit-Tieni Gwerra Dinjija il-kappella ġiet milquta mil-bombi u nqerdet għal kollox. Kienet kappella mżejna bi skultura ta' l-injam. Il-Papa Innoċnzu XI fl-1686 kien ta lill-Ordni brevi biex xi kavallieri iffurmaw fratellanza Ġużeppina fl-istess knisja. Jidher li għall-bidu kienet imsaħħa sew il-Fratellanza ta' Kavallieri Ġużeppini għaliex fil-21 ta' Ġunju 1751 il-Papa ħareġ brevi oħra b'xi privileġġi li biha iżżejnet l-istess Fratellanza.

